**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 06/K8/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 05/08/'15 329**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 05/08/'15 384**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14 20**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Erbgha 5 t' Awwissu 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-5.00p.m.

1.03 Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Karl Gouder |
| Il-Viċi-Sindku | Guido Dalli |
| Il-Kunsillier | Martin John Sultana |
| Il-Kunsillier | Dott. Albert Buttigieg |
| Il-Kunsillier | John Agius |
| Il-Kunsillier | Adrian Dominic Ellul |
| Il-Kunsilliera | Rita Dimech Portelli |
| Il-Kunsillier | Clayton Luke Mula |
| Il-Kunsillier | Clayton Tanti Gregoraci |
| Is-Segretarju | Eżekuttiv Paul Spiteri |
| L-iskrivana | Cher Carmen Fenech. |

1.04 Skużati:- 0

1.05 Assenti:- (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Is-Sindku Karl Gouder ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-11 ta' Lulju 2015. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
4. *Update* tat-Progetti
5. Tender: *Ġbir ta' Skart tal-Borża l-Griza*
6. Tender: *The Collection of Mixed Household Waste*
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
9. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 05/K8/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Viċi Sindku Guido Dalli ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 11/KA2/15 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A').

1.4.02 Minħabba il-preżenza tas-Sur Joe Attard, li kien wieħed min dawk li ssottometew offerta għat-tender tal-Ġbir tal-borża il-griża, il-Kunsill ħa deċiżżjoni li dan l-item ma jigiex diskuss fuq l-Aġenda ta' din il-laqgħa sakemm jiġi verifikat jekk il- preżenza tas-Sur Atttard hiejiex f'loka. Xi Kunsilliera ħassewhom skomdi li niddiskutu dan l-item bil-preżenza tas-Sur Attard .

1.4.03 Ser terġa tintbagħat ittra lill-Pulizija u lill-MEPA fir-rigward it-tabella li hemm fi Triq il-Kbira quddiem n-Neptunes tan-NAAR kif ukoll issir stqarrija fil-media.

1.4.04 Ġie deċiż li fir-rigward il-korrispondenza li ssir waqt il-laqgħa tal-Kunsill, din tintbagħat qabel b'email kif ukoll ikun hemm *hard copy* fuq l-mejda għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

2.02 **Ref Nru 4185**
Saret riferenza għall-korrispondenza dwar citazzjonijiet li qed jittieħdu fix-Xatt ta' San Ġorġ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dan huwa ksur tal -liġi.

2.03 **Rif. Nru. 4203**
B' riferenza għat-talba sabiex jitqassmu flyers f'San Ġiljan, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaqbel mat-talba bil-kundizzjoni li ma jitħallewx flyers ma' l-art wara li jlestu.

2.04 **Rif. Nru. 4204**
Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Brian Azzopardi sabiex jinħatar bħala Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jinħatar is-Sur Brian Azzopardi. Għaldaqstant din il-materja

għandha tintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Filwaqt li s-Sur Brian Azzopardi jigi nfurmat li nħatar bħala l-ambaxxatur tal-Kunsill Lokali.

2.05 **Rif. Nru 4234**
Saret referenza għat-talba mingħand is-Sur Simon Farrugia sabiex ikun suġġerit fejn jista' jagħmel '*mural'*, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jaqbel. Għaldaqstant għandha ssir laqgħa sabiex jinstab post.

2.06 **Rif. Nru 4264**
Saret riferenza għal kwotazzjoni mingħand l-Mica Med Ltd sabiex jigi provdut id-dawl għax-Xelter ta' Lapsi. Il-Kunsillier John Agius informa lill-Kunsill li ser jinstab persuna oħra li jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa u jiġi irħas

2.07 **Rif. Nru 4286**
B' riferenza għall-korrispondenza dwar il-*Mobility Week* ġie deċiż unanimament li f'każ li hemm bżonn għajnuna min-naħa tal-Kunsill, l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

2.08 **Rif. Nru. 4320**
Saret riferenza għar-rapport mingħand il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura dwar l-Housing Estate ta' Ta' Ġiorni. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jiġu nfurmati li l-Kunsill beda x-xogħolijiet neċessarji.

2.09 **Rif Nru. 4316 & 1478**
Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta dwar Triq il-Kbira, wara diskussjoni qasira ġie deċiż unaniment li jiġi vverifiikat jekk taqax taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali.

2.10 **Rif Nru. 4433**

B’ riferenza għall-fattura mingħand l-MP&DC dwar il-proġett tad-Dar ta’ l-Anzjani, ġie deċiż unanimament li dan l-ammont mhux ser jitħallas għalissa, waqt li tintalab spjegazzjoni mingħand l-MP&DC, din il-materja għandha tintbgħat lill-Avukat tal-Kunsill għal gwida min-naħa tiegħu.

2.13 **Rif Nru. 4439**
Saret riferenza ghall-korrispondenza mingħand id-Direttorat tal-P.A.R.K.S dwar twaħħil ta’ siġar fil-lokalita’. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li niltaqgħu miegħu sabiex jiġi ndikat fejn jistgħu jitħawlu siġar ġodda jiddependi it-tip ta’ siġar provduti

## 3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen

3.01 Iċ-Ċermen informa li l-Kunsill li:

*a)* Kien intlaħaq ftehim sabiex isir xogħol ta’ manutenzjoni mil-ħaddiema tal-Public Works fuq il-Ġibjun li jinstab mal-Pitch ta’ San Ġiljan . Dan filwaqt li l-*Malta Tourism Authority* ser tkun qed tagħti l-għajnuna tagħha sabiex issir *irrigation system.* B’hekk jerġgħu jitħawlu siġar u pjanti f’din in-naħa tal- Proiminade.

## 4. *Update* tal-Proġetti

4.01 Fir-rigward ic-CCTV camera għada l-Ħamis 6 t’ Awwissu is-Sindku ser ikollu laqgħa mal-*Guard and Warden* u mas-Sur Ramon Deguara f’isem il-*Cleansing Service Directorate.*

## 5. Tender: Ġbir ta’ Skart tal-Borża l-Griża

5.01 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li iċ-Ċermen, Is-Segretarju Eżekuttiv Paul Spiteri, l-Viċi Sindku Guido Dalli kif ukoll il-Kunsillier Martin Sultana kienu ltaqgħu kemm mal-Green MT kif ukoll mal-Green Pak, sabiex jiġu ċċarata xi punti fl-offerti mitfugħa.

5.02 Minħabba dak li kien inqala aktar qabel waqt il-laqgħa dan l-item tħalla għal-laqgħa oħra ( ara 1.04.2).

**6. Tender Ġbir ta' Household Waste**

6.01 Is-segretarju ressaq abbozz ta' Tender għal ġbir ta' Household Waste.

6.02 Wara diskussjoni kien hemm qbil li jinħareġ it-Tender kif propost.

**7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

7.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul issekondaha.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru.3764/15 sa' Nru 3787/15 (Ara Appendiċi 'C').

8.02 Il-Kunsillier Martin Sultana ppropona li jigu approvati Purchase Request Sheets minn Nru.3764/15 sa' Nru 3787/15.

8.03 Il-Kunsillier Clayton Mula issekondah

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

**9. Affarijiet oħra meqjusa urġent u Aġġornament**

9.01 Il-Kunsill approva li jneħħi l-assi skond il-lista mehmuża

mal-minuti (Appendiċi 'D').

9.02 Wara diskussjoni kien hemm qbil li isir ikla mal-Kunsilliera li servew waqt l-aħħar leġislazzjoni kif ukoll ma Helen Walker, ex-Segretarju Eżekuttiv, bħala apprezzament tax-xogħol tagħhom fil-Kunsill ta' qabel. Din l-ikla ser issir nhar il-Ħamis 3 ta' Settembru wara l-laqgħa tal-Kunsill.

9.03 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Ħamis 3 ta' Settembru 2015 fil-5.00p.m.

9.04 Il-laqgha ntemmet fis-7.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Karl Gouder** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |